**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Jannar 2017.

Rikors Guramentat numru : 101/14 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil- 15 ta' Settembru 1996 u mill-istess zwieg twieldu zewg ulied R u I li ghadhom minuri;

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizzi, theddid u ingurji fil-konfront ta' martu l-attrici;

3. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu b'separazzjoni personali mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 18 ta' Marzu 2014 (kopja ta' liema digriet jinsab hawn ezebit u mmarkat Dok. A);

4. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi l-partijiet kienu iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni datat 21 ta' Jannar 2010 in atti Nutar Dottor Christine Abela (Dok B);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-intimat, fosthom adulterju, sevizzi, theddid u ingurji li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied f'idejn l-esponenti, b'access regolat favur l-intimat;

3. Tiffissa manteniment ghall-imsemmija minuri sakemm l-istess jaghlqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi *full time,* jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom u tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat;

4. Tordna lill-ntimat sabiex ihallas ghall-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri anke jekk jipprosegwu fl-istudji taghhom sa tlieta u ghoxrin sena;

5. Tiffissa manteniment ghar-rikorrenti skond l-bzonnijiet taghha u l-mezzi u l-introjtu ta' zewgha u tordna lill-

intimat sabiex ihallas ghal istess manteniment tul hajjet l-esponenti;

6. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponent u tassenjahom lill-istess esponenti;

7. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

8. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 21)

1. Illi m'hemmx kontestazzjoni ghall-fatt li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli, izda dan gara minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici u mhux lill-konvenut, u dana kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Ghalhekk, il-konvenut m'ghandux ibati l-spejjes ta' din il-kawza.

2. Illi ghar-rigward it-tieni talba attrici, hekk kif il-konvenut jikkontribwixxi ghall-ispejjes involuti ghat-trobbija, edukazzjoni u sahha tal-minuri, bl-istess mod ghandu jippartecipa fid-decizjonijiet konnessi mal-dak kollu li jikkoncerna wliedu, ghaldaqstant il-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta. Inoltre, l-access huwa diga regolat permezz ta' Digriet ta' Dina l-Onorabbli tal-4 ta' Jannar 2014, anness u mamrkat Dok RF1.

3. Illi ghar-rigward it-tielet talba, diga' jesisti digriet ta' Dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta, datat is-7 ta'

Ottubru 2013 hawn anness u mmarkat Dok RF2, liema digriet inghata wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' faxxikolu ta' dokumenti estensiv ppresentat mill-partijiet, u ghalhekk, il-konvenut ma jarax ghalfejn dina l-Qorti ghandha tiddepartixxi mid-Digriet precedenti taghha ta' ftit xhur ilu, meta ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li jirrikjedi revizjoni ta' manteniment.

4. Illi fil-konfront tar-raba talba, m'hemm l-ebda oggezzjoni. Is-sitwazzjoni hija diga' regolata bid-digriet fuq citat.

5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda stante illi l-attrici ghandha impjieg fiss u addirittura tokkupa l-kariga ta' Assistent Principal mal-Gvern, b'paga ta' cirka EUR1350 fix-xahar; ucioe', ferm aktar mill-konvenut.

6. Illi ghar-rigward is-sitt u s-seba' talba, bis-sahha tal-kuntratt ta' spearazzjoni tal-beni citat fir-rikors tal-attrici u anness mal-istess, jirrisulta illi kollox mill-ghatba l-gewwa kien gie assenjat lill-attrici. Ghaldaqstant dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda stante illi hija diga tinsab fil-pussess, ta' dak kollu li kien taghha, u oltre.

7. Id-disposizzjonijiet tal-Art. 48 et seq tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx ghall-kaz odjern kif ser jigi ppruvat.

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat :

Rat in-nota tal-attriċi, ppreżentata nhar l-14 ta' Diċembru 2016, illi permezz tagħha, fid-dawl tal-pubblikazzjoni ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono tas-16 ta' Novembru 2016, l-attriċi ċediet it-talbiet minnha mressqa fil-kawża odjerna, salv għall-ewwel talba tagħha, li hijat-talba ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni, li l-partijiet qablu li għandha tiġi konvertita f'talba għad-divorzju.

Rat in-nota tal-konvenut, datata l-14 ta' Diċembru 2016, fejn huwa ċeda l-kontro-talba tiegħu, stante li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono fis-16 ta' Novembru 2016, għajr għat-talba mressqa minnu sabiex it-talba ta' separazzjoni tkun konvertita f'waħda ta' divorzju, għal-liema talba l-attriċi m'opponietx.

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess, il-11 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

Rat illi ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-istess Kodiċi, sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Fil-każ odjern, jirriżulta illi l-partijiet ma baqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf lejn l-aħħar tas-sena 2009;[2] Illi għalhekk l-ewwel rekwiżit impost mil-liġi huwa sodisfatt, stante li l-partijiet kien ilhom ċirka sitt snin ma jirrisjedu flimkien qabel id-data[3] li fiha l-konvenut talab id-divorzju. Inoltre', l-partijiet jaqblu li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejniethom. L-attriċi m'opponietx għall-pronunzjament tad-divorzju, kemm-il darba l-konvenut iħallas sehmu mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni ta' uliedu, kif hekk kien ġie ordnat minn din il-Qorti, kwistjoni li jirriżulta li ġiet issorvolata bl-iffirmar ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet.

Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni valida li tista' b'xi mod timpedixxi lil din il-Qorti milli tilqa' t-talba għall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt illi tastjeni milli tiddeċiedi dwar it-talbiet kollha għajr għall-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba li għamel il-konvenut fil-kontro talba tiegħu;

Tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi Farrugia;

Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.

---

[2] Ara risposta t' Isabelle Farrugia fol. 28

[3] 10 ta' Marzu 2016